# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 11 ta' April, 2024**

**Numru**

**Rikors Numru 325/18TA**

**Antonia Bajada (KI 110061M)**

**vs**

**Uffiċjal Mediku Ewlieni u b'digriet tat-2 ta' Lulju 2018 l-isem irid jiġi sostitwit għal Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tas-Servizzi tas-Saħħa**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' Antonia Bajada (l-Attriċi) tad-9 ta' April 2028 li permezz tiegħu ppremettiet u talbet is-segwenti:

**1.** "Illi fit-13 ta' Frar 2014, ir-rikorrenti daħlet l-isptar Mater Dei sabiex tagħmel intervent kirurġiku relatat ma ftuq fil-muskoli, klinikament imsejjħa *'elective incisional hernia repair'* u dan taħt il-kura tal-Professur Godfrey Laferla. Illi r-rikorrenti effettivament għaddiet minn intervent kirurġiku sabiex skont id-dijanjosi jsirilha *'abdominal wall exploration and mesh reinforcement'.* Illi għal dan il-għan qed jiġi esebit dokument ossia Case Summary maħruġ mill-isptar Mater Dei, hawn anness u mmarkat bħala Dok CS 1.

**2.** Illi immedjatament wara dan l-intervent kirurġiku, r-rikorrenti bdiet tħossha muġuwgħa u għalhekk fit-28 ta' Frar 2014 hija reġgħat daħlet l-isptar Mater Dei sabiex isirilha trattament. Illi skont id-dijanjosi r-rikorrenti kellha *'post operation supraumbilical subcutanous fluid collection'.* Illi għal dan il-għan qed jiġi esebit dokument ossia Case Summary maħruġ mill-isptar Mater Dei, hawn anness u mmarkat bħala Dok CS 2.

**3.** Illi jirriżulta li waqt li r-rikorrenti kienet qegħda tiġi rikoverata ġewwa l-isptar Mater Dei hija ħadet il-*Methicillin-resistant Staphylococcus aureus* magħruf aħjar bħala MRSA, tip ta' batterju li jikkawża infezzjonijiet f'partijiet differenti tal-ġisem u li qatt ma jitlaq kompletament minkejja li wieħed jieħu mediċina sabiex jirribattiħ. Għalhekk it-trattament li kellu jsir fit-28 ta' Frar 2014 ma sarx u r-rikorrenti minflok daħlet l-isptar fit-22 ta' Marzu 2014. Illi din id-darba hija kienet taħt is-superviżjoni tat-tabib Dottor Matthew Cassar, fejn dan fetah il-ferita u naddafha. Illi għal dan il-għan qed jiġi esebit dokument ossia Case Summary maħruġ mill-isptar Mater Dei, hawn anness u mmarkat bħala Dok CS 3.

**4.** Illi wara l-intervent tat-22 ta' Marzu 2014, ir-rikorrenti għaddiet għand it-tabib Dottor Tonio Piscopo li kien jaħdem fl-Infectious Diseases Unit u dan sabiex jiġi determinat x'tip ta' trattanent kien se jingħata lir-rikorrenti. Illi eventwalment it-trattament li kellu jingħata kien iebes ferm u kisser lir-rikorrenti. Inoltre, il-ferita tar-rikorrenti kien jinħtieġ li titnaddaf kuljum u għalhekk ir-rikorrenti kienet tmur fis-sezzjoni tat-Tissue Viability ġewwa l-isptar Mater Dei, darbtejn fil-ġimgħa u xi mindaqqiet iżjed ukoll. Illi meta kienet tkun muġuwgħa u ma kinietx tiflaħ tmur l-isptar Mater Dei kienet tiġi infermiera tal-MMDNA id-dar tar-rikorrenti sabiex tnaddfilha l-ferita u tbiddilha 'd-dressing'.

**5.** Illi fil-frattemp, peress li l-ferita li kellha r-rikorrenti baqgħat m'għalqitx u l-uġiegħ kompla jiżdied hija marret kemm il-darba tkellem tobba u professuri fosthom it-tabib Dottor Winston Bartolo. Illi matul iż-żmien hija għamlet bosta testijiet fosthom MRI, CT Scan, Pet Scan u Ultrasound. Illi hija għamlet iżjed minn għaxar (10) testijiet ta' dawn ix-xorta u l-ebda tabib ma ntebaħ bil-ħsara li kellha r-rikorrenti. Illi saħansitra kien hemm tobba li kienu jgħidulha li m'għandha xejn u li l-uġiegħ huwa biss immaġinarju.

**6.** Illi fis-27 ta' Ġunju 2016, waqt li r-rikorrenti kienent qegħda tinħasel, hija rat oġġett ħiereġ mill-ferita u rrejalizżat li din kienet biċċa minn Cutimed dressing li xi membru jew membri tal-istaff mediku ħalla jew nesa ġewwa l-ferita tal-istess rikorrenti. Illi qed jiġi esebit dokument ossia ritratt hawn anness u mmarkat bħala Dok AB 1, ritratt li nġibed dak inhar stess u li juri l-biċċa mill-Cutimed li bdiet tinbeżaq il-barra mill-ferita.

**7.** Illi għalhekk fis-27 ta' Ġunju 2016 ir-rikorrenti marret dritt l-emerġenza ġewwa l-isptar Mater Dei u din id-darba għaddiet taħt is-superviżjoni

tal-konsulent Mr Joettienne Abela sabiex tiġi trattata għall-dan l-iżvilupp ġdid fl-istorja medika tar-rikorrneti. Illi skont id-dijanjosi r-rikorrenti ġiet trattata għal *'chronic wound Sinus, retained Cutimed dressing has now been removed'.* Illi għal dan il-għan qed jiġi esebit dokument ossia Case Summary maħruġ mill-isptar Mater Dei, hawn anness u mmarkat bħala Dok CS 4.

**8.** Illi għalhekk huwa evidenti li waqt li hija kienet ingħatat kura fuq perjodu ta' żmien ġewwa l-isptar Mater Dei hija sfat vittma ta' negliġenza serja u grossolana fil-konfront tagħha minħabba nuqqas lampanti minn membru jew membri tal-istaff mediku.

**9.** Illi minħabba dan in-nuqqas serju u negliġenza grossolana hija sofriet kemm mis-saħħa fiżika kif ukoll mentali tagħha għal perjodu twil bi stress serju u anzjeta' personali u fuq il-membri tal-familja tagħha. Dan wassal ukoll għal telf finanzjarju, spejjeż mediċi żejda u anke nuqqas ta' ħajja diċenti, sana u trankwilla.

**10.** Illi inoltre hija sofriet ħsara psikoloġika minħabba li għal diversi drabi ġiet akkużata minn membri tal-istaff mediku li jew qed tgħaġġibha jew li l-uġiegħ kien immaġinarju jew li saħansitra li l-problema kienet waħda psikoloġika.

**11.** Illi inoltre minħabba dan in-nuqqas serju u negliġenza grossolana ir-rikorrenti għadha ssofri kumplikazzjonijiet serji u se tibqa tbagħti konsegwenzi mediċi li jidhru inkurabbli. Illi għal dan il-għan qed jiġi esebit dokument ossia ritratt hawn anness u mmarkat bħala Dok AB 2 li juri d-dimensjoni tal-ferita li hija tiċrita tul żaqqha kollha.

**12.** Illi xi tobba stiednu lir-rikorrenti sabiex tagħmel intervent kirurġiku ieħor sabiex l-isfreġju li għandha fuq ġisimha jittranġa pero dan mhux possible li jsir peress li r-rikorrenti m'hijiex fiżikament b'saħħitha sabiex tagħmel dan. Inoltre it-tabib Dottor Joetienne Abela iddikjara li intervent ieħor ikun ċertament ta' detriment għar-rikorrenti u dan kif joħroġ b'mod ċar mid-dokument ossia Case Summary maħruġ mill-isptar Mater Dei, hawn anness u mmarkat bħala Dok CS 4.

**13.** Illi fost is-sensila ta' nuqqasijiet gravi da parti tal-istaff mediku tal-isptar Mater Dei issegwi oħra u ċioe' meta l-Cutimed li nħarġet mill-ferita tar-rikorrenti ttieħdet ġewwa l-laboratorju sabiex isiru t-testijiet neċessarji, irriżulta li dawn ma sarux peress li tali Cutimed kienet ġiet ikkontaminata wqt xi stadju matul il-proċess.

**14.** Illi f'soċjeta demokratika huwa mistenni li l-isptar prinċipali jħares is-saħħa u s-sigurta' tal-pazjent u li din għandha tkun il-bażi fundamentali ta' kura tas-saħħa ta' kwalità tajba. Illi huwa evidenti li l-isptar naqas li jiżgura li titħaddem b'mod tajjeb 'checklist' u jew xi sistema oħra jew miżuri oħra ta' kontroll bħala metodu biex jitħares is-saħħa u s-sigurta' tal-pazjent. Illi kieku tali sistema teżisti, il-membru jew membri tal-istaff mediku kien jintebaħ li meta poġġa l-Cutimed ġol-ferita ma neħħiex li

kien hemm qabel. Li kieku kien jinżamm inventarju kif suppost, l-iżball kien jiġi rranġat dak inhar stess. Illi dawn huma proċeduri li jeżistu f'kull sptar serju fejn kull prodott li jintuża irid jiġi mmarkat u mqabbel. Illi jekk kemm il-darba tali sistema' teżisti, mela allura l-iżball huwa aktar gravi għax is-sistema mhux qed titħaddem tajjeb u min suppost inkarigat sabiex jiżgura li l-proċeduri jiġu segwiti kien qiegħad huwa wkoll jonqos minn dmiru.

**15.** Illi r-rikorrenti għandha dritt li tistenna li l-kura li tirċievi ma tagħmilx ħsara li tirriżulta mill-funzjonament ħażin ta' xi servizzi li jingħata, malprassi medika u żball u dan kif hemm dikjarat fiċ-Charter tal-Pazjent maħruġ mid-Direttorat tal-Istandards tal-Kura tas-Saħħa fi ħdan il-Ministeru tas-Saħħa. Illi fin-nuqqas l-intimat irid iwieġeb u jagħmel tajjeb għad-danni kollha sofferti mir-rikorrenti. Illi l-intimat l-Uffiċjal Mediku Ewlieni naqas b'mod lampanti li jipprovdi sistema effiċjenti u mħaddma tajjeb sabiex ma jsirux żbali bħal ma sofriet ir-rikorrenti.

**16.** Illi l-intimat l-Uffiċjali Mediku Ewlieni, bħala Kap tad-Dipartiment tas-Saħħa, huwa responsabbli għal dak li jiġri fl-isptar Mater Dei.

**17.** Illi dawn il-fatti l-intimat l-Uffiċjali Mediku Ewlieni jafhom personalment stante li fid-19 ta' Lulju 2016, Dottor J. Zarb Adami fil-kwalita tiegħu ta' Direttur Kliniku tal-isptar Mater Dei kiteb lir-rikkorenti u għamel apoloġija u ċioe' stqarr hekk *"wih humility I apologies for the incident you have suffered in the hands of the Health services... I hope that from you, we will learn a lesson which will help us treat other patients better. Please give us an indication of the factual expenditure you carried out when meeting specialsits with your problem".* Illi għal dan il-għan qed jiġi esebit dokument ossia ittra datata 19 ta' Lulju 2016 iffirmata minn Dottor J. Zarb Adami, hawn anness u mmarkat bħala Dok AB 3.

**18.** Illi dan il-fatt ġie ammess mid-Direttur Kliniku tal-isptar Mater Dei u ċioe' minn uffiċjal għoli mogħni b'awtorita' li jidħol f'negozjati mar-rikorrenti u għalhekk l-intimat m'għandu l-ebda raġuni valida sabiex imur lura minn kelmtu u lanqas għandu bażi legali sabiex jirrespinġi t-talbiet attriċi.

**19.** Illi minkejja illi l-intimat ġie interpellat sabiex jersaq għal-likwidazzjoni u għall-ħlas tad-danni ikkaġunati lill-esponenti Antonia Bajada kaġun ta' dan l-inċident permezz ta' diversi ittri legali u permezz ta' Protest Ġudizzjarju bin-numru: 111/2017 ippreżentata nhar is-7 t' April 2017; huwa baqa' inadempjenti.

**20.** Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża.

Għaldaqstant, wara illi jsiru d-dikjarazzjonijiet neċessarji u illi jingħataw il-provvedimenti opportuni, jgħid l-intimat għaliex m'għandhiex dina l-

Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet ta' l-esponenti illi qiegħda hawn tjitlob illi dina l-Onorabbli Qorti jgħoġobha:

**1.** Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-intimat Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tas-servizzi tas-Saħħa l-Uffiċjal Mediku Ewlieni jaħti għad-debilita' permanenti f'żaqq Antonia Bajada kif ukoll huwa responsabbli' għall-konsegwenzi u effetti kollha mediċi sofferti mir-rikorrenti Antonia Bajada kif hawn fuq deskritti;

**2.** Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-intimat Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tas-servizzi tas-Saħħa huwa responsabbli għad-danni kollha sofferti mir-rikorrenti Antonia Bajada konsegwenza ta' l-istess fatti, fosthom telf finanzjarju, spejjeż mediċi żejda;

**3.** Tillikwida d-danni sofferti mill-esponenti b'konsegwenza tal-istess fatti hawn fuq imsemmi, kemm *damnum emergens* kif ukoll *lucrum cessans*, jekk meħtieġ billi taħtar perit għal dan il-għan;

**4.** Tikkundanna u tordna lill-intimat Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tas-servizzi tas-Saħħa sabiex iħallas lir-rikorrenti dawn id-danni hekk kif likwidati minn dina l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-Protest Ġudizzjarju bin-numru: 111/2017 ippreżentat nhar is-7 t'April 2017 u bl-imgħaxijiet legali kontra l-intimat illi huwa minn issa stess inġunti in subizzjoni."

Rat ir-risposta ġuramentata tal-Uffiċjal Mediku Ewlieni ossia Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tas-Servizzi tas-Saħħa (il-konvenut Direttur) tal-4 ta' Mejju 2018 li permezz tagħha wieġbet u eċċepiet is-segwenti:

"Illi preliminarjament l-intimat Ufficjal Mediku Ewlieni ma hux legittimu kontradittur stante illi il-mansjoni tieghu ai termini ta' l-Artikolu 4 ta' l-Att dwar is-Sahha hija illi jmexxi d-Dipartiment ghal Politika tas-Sahha liema mansjoni ma tinkludix it-twettieq tas-servizzi tas-Sahha illi hija l-mansjoni tad-Direttur Generali illi jmexxi d-Dipartiment ghas-Servizzi tas-Sahha u dana ai termini ta' l-Artikolu 6 ta' l-Att dwar is-Sahha.

Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghal premess it-talbiet attrici huma preskritti bit-trapass ta' sentejn mid-data ta' l-interventi illi hija tallega illi giet sottomessa ghalihom u dana ai termini ta' l-artikolu 2153 tal-Kodici Civili.

Illi subordinament u minghajr pregudizzju ghal premess fi kwalunkwe kaz l-allegazzjonijiet u pretensjonijiet kollha vantati mir-rikorrenta huma infondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt billi kif jirrizulta mir-rikors u b'ammissjoni tar-rikorrenta innifisha s-servizzi kollha illi kellha bzonn ir-rikorrenta rigwardanti servizzi ta' sahha u kura medika dawn kienu a dispozizzjoni taghha tant illi

hija giet sottomessa ghal interventi li kellha bzonn fil-hin illi kellha bzonnhom.

Illi subordinament u minghajr pregudizzju ghal premess fi kwalunkwe kaz kull intervent u kull kura illi kellha bzonn ir-rikorrenta inghata minn nies imharrga fl-ispecjalita partikolari mehtiega.

Illi subordinament u minghajr pregudizzju ghal premess l-allegazzjonijiet tar-rikorrenta jimmiraw lejn l-ezercizzju tad-diskrezzjoni klinika liema diskrezzjoni ma taqax taht il-mansjoni ta' dan l-intimat stante illi l-funzjoni tieghu hija purament amministrattiva u dana ai termini ta' l-artikolu precitat f'paragrafu 1.

Illi subordinament u minghajr pregudizzju ghal premess rigward il-garza illi allegatament thalliet gewwa ir-rikorrenta, l-infermiera fit-*Tissue Viability Nurses* li huma kollha esperti fil-qasam isegwu procedura stabbilita sabiex jigi evitat illi tithalla xi garza gewwa l-ferita u f'dan il-kaz il-procedura giet segwita minghajr eccezzjoni. Di piu' ir-rikorrenta stess tikkonferma illi ma kenitx tuza biss is-servizz moghti minn dan il-Unit u kienet anke tirrikorri ghas-servizzi ta' l-MMDNA sabiex tibdel il-garza liema servizz huwa indipendenti minn dak offrut mill-intimat u ghalhekk l-istess intimat ma jirrispondix ghal ebda danni jew nuqqas rizultanti minn professjonisti illi ma humiex impjegati tieghu.

Illi subordinament u minghajr pregudizzju ghal premess rigward l-ittra mahruga minn Dr. Zarb Adami, din tikkostitwixxi unikament ittra ta' empatija u bl-ebda mod ma hija ammissjoni ta' htija jew tort da parti ta' dan it-tabib jew ta' l-Isptar. Ir-referenza illi hemm fl-ittra ghal ispiza illi setghet ghamlet ir-rikorrenti kienet mezz sabiex ir-rikorrenta tissustanzja l-allegazzjoni illi kienet ghamlet quddiem dan l-ufficjal illi hija kienet inkorriet spejjez kbar fil-privat mentri fil-fatt il-kura kienet haditha kollha fis-servizz tas-sahha pubbliku. Tant hu hekk illi sussegwentement ghal din l-ittra ir-rikorrenta ma pproduciet l-ebda kont illi hallset.

Illi subordinament u minghajr pregudizzju ghal premess l-allegazzjoni illi Dr. Zarb Adami kellu l-awtorita illi jidhol f'negozjati mar-rikorrenta hija ghal kollox infondata stante illi fl-ewwel lok il-pozizzjoni tieghu ta' Direttur Kliniku ma tinkludix il-mansjoni ta' negozjar kif pretiz mir-rikorrenta u il-process jinbeda biss wara illi jkun hemm il-permessi mehtiga mill-Ministeru tal-Finanzi u l-Ufficcju ta' l-Avukat Generali. Fil-kaz in ezami ma kienx hemm tali awtorizazzjoni u lanqas intalbet tali awtorizazzjoni stante illi qatt ma kien hemm ammissjoni ta' l-Isptar ghal allegazzjonijiet u pretensjonijiet tar-rikorrenta stante illi s-servizz illi din inghatat kien *secundum artem*.

Illi subordinament u minghajr pregudizzju ghal premess l-ittra mahrug minn dan l-ufficjal kienet ittra ta' empatija u b'hekk din l-ittra ma tikkostitwixxix la ammissjoni ta' htija u lanqas weghda ta' kumpens finanzjarju kif donnha qed tippretendi r-rikorrenta.

Illi subordinament u minghajr pregudizzju ghal premess dan l-intimat ma jirrispondix ghad-danni reklamati mir-rikorrenta u jirrespingi l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet minnha vantati in toto stante u dan ghar-ragunijiet suesposti."

Rat l-atti u dokumenti kollha fil-Kawża.

Qrat u semgħet ix-xhieda imressqa fil-perkors ta' din il-Kawża.

Rat in-noti ta' osservazzjonijiet.

Rat li l-Kawża tħalliet għal-lum għas-Sentenza.

**Punti ta' fatti**

**1.** L-attriċi fit-13 ta' Frar 2014 issottomettiet ruħha għall-operazzjoni klinikament magħrufa bħala "*incisional hernia repair*" taħt il-konsulent Professur Godfrey Laferla.

**2.** Immedjatament wara dan l-intervent l-Attriċi bdiet mill-ewwel tilmenta minn uġiegħ. B'konsegwenza ta' hekk reġgħet ġiet ammessa l-isptar fit-28 ta' Frar 2014 biex tkun ikkurata għal darba oħra u dan konsegwentement li ġiet dijanjosinata li kellha "*post operation supraumbilical subcutaneous fluid collection*". Kien hawn li waqt li kienet l-isptar ikkontrattat l-infezjoni medikament magħrufa MRSA. Din hija xorta ta' batterja li tikkawża infezzjonijiet duratorji fuq partijiet tal-ġisem.

**3.** B'konsegwenza ta' hekk it-trattament ma setax isir u kellha terġa' tidħol l-isptar fit-22 ta' Marzu 2014. Din id-darba daħlet taħt Dr. Cassar li fetaħ u naddaf il-ferita. Wara għaddiet għal taħt idejn Dr. Tonio Piscopo li kien jaħdem fl-*infectious diseases* sabiex jiġi identifikat ix-xorta ta' kura biex titfejjaq il-ferita li minn aspett mediku kien jidher li ma kienitx xi ħaġa faċli.

Għal dan l-iskop daħlet fix-xena it-Tissue Viability Nurses (TVN) ta' ġewwa l-Isptar Mater Dei. Dawn kienu jieħdu ħsieb il-ferita darbtejn fil-ġimgħa u meta l-Attriċi ma kienitx tista' tmur l-isptar kienu jattendu d-dar tagħha l-infermiera tal-MMDNA.

**4.** Il-ferita' baqgħet ma għalqitx u l-Attriċi marret għand għadd ta' tobba u konsulenti biex forsi jsibu tarf tal-kawża. Ħadet diversi x-rays u MRIs iżda kien kollu għalxejn u ebda tabib ma intebaħ x'kienet il-kawża prinċipali sakemm l-Attriċi skopriet waqt li qed tinħasel illi fil-ferita kellha biċċa cutimed dressing li x'aktarx kienet tħalliet bi svista minn xi dipendenti tal-isptar.

**5.** Għalhekk l-Attriċi fis-27 ta' Ġunju 2016 daħlet l-emerġenza u għaddiet taħt il-kura ta' Mr Joetienne Abela u skond id-dijanosi magħmula minnu l-Attriċi kellha tkun trattata għal "*chronic wound sinus retained cutimed dressing*". Din tneħħiet.

**6.** Għalhekk minħabba dan kollu, l-Attriċi tilmenta li soffriet id-danni u saret din il-Kawża.

**Punti ta' Liġi**

**7.** Hija manifestament ċar li l-Attriċi qed timposta l-azzjoni tagħha għal danni naxxenti minn danni mhux wisq aquiljani, iżda minn dawk kuntrattwali u dan għar-raġunijiet li ser ikunu spjegati aktar 'l isfel, fid-dawl tal-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut Direttur u li ċioe' l-azzjoni attriċi hija preskritta ai termini tal-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili.

**8.** A propositu ta' dan il-Qorti mill-ewwel tagħmel referenza għas-**Sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet Joseph Busuttil -vs- Emmanuel Schembri deċiża fid-19 ta' Frar 1954**. F'dan il-każ il-Qorti spjegat li wieħed mill-kriterji sabiex jiġi deċiż jekk il-fatt hux kolpa kontrattwali jew aquiliana, vwoldiri li, meta hemm kuntratt, il-kolpa tista' tkun aquiliana biss meta l-fatt ikun indipendenti u awtonomu mir-rapport kontrattwali. Din il-Qorti irriteniet li fatt ta' negliġenza u imperizja li jikkostitwixxi inadempjenza kuntrattwali, li jista' ikun *non factum* jew anke *male factum* ma tistax tkun kolpa aquiliana imma *damnum injuria datum* li jista' isir fl-okkażżjoni ta' kuntratt. Il-Qorti ċċitat Laurent li jgħallem *"Il delitto e' una lesione dell'ordine pubblico, e parimenti il quasi delitto interessa la sicurezza delle persone.... la cosa e' affatto diversa in materia di obbligazioni convenzionali. L'inadempimento di impegni da taluno stipulati non produce che un danno pecuniario".*

**9.** Għalkemm id-danni jitwieldu minn inadempjenza kuntrattwali, dan ma jfissirx li din il-Qorti ma għandhiex teżamina l-għemil tad-debitur, fil-każ tal-lum il-konvenut Direttur, biex tiskopri jekk weriex dik id-diliġenza neċessarja fl-operat tiegħu di fronte tal-Attriċi. Xorta huwa mistenni minnu li jaġixxi bl-għaqal ta' missier tajjeb tal-familja.

**10.** Tibqa' għalhekk applikabbli n-norma ta' l-Artikolu 1031 tal-Kodiċi Ċivili "*kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu".* Di fatti fis-**Sentenza fl-ismijiet "Arthur George Lambert et -vs- Anthony Buttigieg pro et noe et" deċiża fit-18 ta' April 1963 – (Vol. XLVII.III.1110)** intqal li

"*ma hemm xejn inkompatibbli bejn responsabbilita' kontrattwali u ħtija aquiliana ... jista' jkun hemm materja ta' delitt jew kważi delitt anke f'materja ta' obbligazzjonijiet konvenzjonali; f'liema ipotesi l-parti lesa jista' jkollha żewġ azzjonijiet – dik nascenti minn ħtija contrattuale u dik nascenti minn ħtija extra contrattuale."*

**11.** Min-naħa l-oħra "*Huwa pacifiku fil-gurisprudenza taghna illi "min ifittex ghad-danni jrid jipprova mhux biss l-att jew ommissjoni kolpuza izda li dak l-istess att jew ommissjoni ghandhom konnessjoni ta' kawza u effett mad-danni sofferti*" (ara - **Kollez. Vol. XXX. I. 142**).

**Konsiderazzjonijiet**

**12.** Mill-ewwel għandu jkun osservat li l-azzjoni Attriċi ma hiex diretta kontra t-tobba jew l-istaff mediku personalment iżda kontra l-ente ossia l-Istituzzjoni medika u ospidaljera. Kif ingħad aktar 'l fuq, li azzjoni hija waħda għal danni kuntrattwali u mhux estra kuntrattwali, bħal meta l-azzjoni tkun waħda naxxenti minn aġir purament delittwali jew quasi delettwali fejn ma tkun tesisti ebda rabta kuntrattwali bejn id-danneġġjat u id-danneġġjant.

**13.** L-awturi jispjegaw tajjeb ħafna id-differenza bejn it-tnejn:

"*Se io viaggio in tram, e, quindi, ho concluso un contratto di trasporto, e mi ferisco in un incidente, e' sufficente che io provi di essermi trovato nel tram e di essere stato ferito. Se, invece, mentre passo per la strada, sono investito dal tram, ho l'onere di provare non soltanto l'incidente, ma anche*

*il dolo o la colpa del vettore o dei suoi agenti".* (**Torrente & Schlesinger "Manuale Di Diritto Privato", para. 394 pg 639**).

*<u>Eċċezzjoni ta' preskrizzjoni taħt l-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili.</u>*

**14.** L-ewwel u qabel kollox trid tkun trattata l-ewwel eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut Direttur fis-sens li l-azzjoni Attriċi hija preskritta estintiva ai termini tal-artikolu 2153 li jiddisponi hekk:

"*L-azzjoni għall-ħlas tal-ħsarat mhux ikkaġunati b'reat taqa' bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' sentejn".*

**15.** Din il-Qorti mill-ewwel tagħmel referenza għas-**Sentenza tal-31 ta' Ottubru, 2008, fl-ismijiet Rose Gauci et v. Donald Felice et, ikkonfermata wkoll b'Sentenza ta' ritrattazzjoni tat-8 ta' Ottubru, 2009**. Il-Qorti osservat li hekk kif persuna tidħol u tintlaqa' fi sptar bħala pazjent, jinħoloq rapport kuntrattwali bejniethom, imsejjes fuq il-kunsens taċitu ta' talba ta' servizz u tal-għoti ta' dak is-servizz.

**16.** Issa fil-każ li għandha quddiemha din il-Qorti, is-sitwazzjoni hija ċara u għal darba oħra bħal spjega tal-istess din il-Qorti tagħmel referenza għat-tagħlim tal-Awturi fejn jispjegaw hekk:

*"…il rapporto contrattuale si insatura quasi sempre direttamente fra l'ente (ospidali o case di cura ed il paziente , non fra il medico ed il suo cliente (fatta eccezione per alcuni sttori in cui appare preminente il rocorso alla professione libera: dentisti, chirurghi estetici).* "*…. l-ente ospidaliereo il-debitore di un servizio composito, comprensivo , cioe', delle prestazioni*

*organizzattive relative ala sicurezza degli impiante e delle attrezzature, al vitto, alla sistemazione logistiche e ai turni di assistenza e vigilanza…la responsabilita' dell-enete come contrattuale, il-medico, o altro sanitaria inquadrato nell-organizzazzione dell'ente stesso, assume la qualifica di ausiliario del cui operato l'ente deve rispondere in quanto, in qualita' di debitore del servizio sanitaria , deve garantire il cliente dai rischi insiti in tutte le disfunzioni dovute alla retye organizattiva. E cio' a prescindere dalla ricorrenza di un fatto illecito commesso dal sanitaria dipendente"* (**Giovanna Visintini, Tratto Breve Della Responsabilita' Civile, Cedam, 1996, pg 236-239**).

**17.** Għalhekk stabbilit li bejn il-partijiet jesisti kuntratt dan ifisser li ma hiex applikabbli l-preskrizzjoni sollevata mill-konvenuta Direttur. Il-preskrizzjoni applikabbli hija dik ta' ħames snin taħt artikolu 2156(f) li jistabilixxi li l-azzjonijiet għall-ħlas ta' kull kreditu ieħor li ġej minn operazzjonijiet kummerċjali jew minn ħwejjeġ oħra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skont din il-liġi jew liġijiet oħra, taħt preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirriżulta minn att pubbliku jaqgħu bi preskrizzjoni ta' ħames snin.

**18.** Ingħad hekk dwar dan l-artikolu fis-**Sentenza fl-ismijiet Montebello Enterprises Ltd -vs- Paolo Soldi et tal-25 ta' Novembru 2015** –

"*Illi bħal kull eċċezzjoni oħra l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni għandha tingħata interpretazzjoni restrittiva. Illi huwa principju stabbilit fil-ġurisprudenza nostrana illi l-preskrizzjoni taħt l-Artikolu 2156 (f) tal-Kap. 16 hija soġġetta għal interpretazzjoni eiusdem generis. Għaldaqstant, il-kelma "kreditu"*

*minħabba fir-restrizzjoni tar-regola ta' interpretazzjoni ta' eiusdem generis, tiġbor fiha biss jeddijiet li huma ta' l-istess natura bħal jeddijiet l-oħra imsemmija fl-Artikolu 2156. F'dan il-kuntest, ta' min igħid li l-ebda wieħed mill-krediti imsemmija fl-Artikolu 2156 ma huwa kreditu ta' obbligazione di fare, imma huma kollha obbligazzjonijiet għall-ħlas ta' flus. Dan iġib miegħu l-effett li l-obligazzjoni li kontra tagħha titressaq eċċezzjoni bħal din trid tkun waħda għall-ħlas ta' flus"* (Ara ukoll **Sentenzi fl-ismijiet "Spiteri pro et noe vs Castle" - deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fit-18 ta' Awissu 1965; u Busuttil -vs- Schembri – deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fid-19 ta' Frar 1954**).

**19.** Dan ifisser li l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni imqanqla mill-konvenut Direttur ser tkun miċħuda.

*<u>Il-mertu</u>*

**20.** Il-Qorti tibda biex tistqarr li l-kawża presentat numru ta' opinjonijiet ta' esperti mediċi li mhux biss ma kienux uniformi imma xi drabi anke konfliġġenti. Dan juri kemm fil-kamp tal-mediċina l-opinjoni esperta, għalkemm normalment ibbażata fuq fatturi xjentifiċi u empriċi, tista' tkun ukoll kemmxejn soġġettiva u diverġenti bejn espert jew ieħor.

**21.** Huwa paċifiku li l-Attriċi tassew għaddiet minn martirju. Kważi kważi, l-esperti mediċi kollha huma konkordi fuq il-fatt, li l-Attriċi rat u għaddiet minn ħafna anke jekk ma jaqblux bejniethom dwar il-konklużjonijiet. Tant rat li t-Tabib J. Zarb Adami, Clinical Director Mater Dei, b'ittra datat 19 ta'

Lulju 2016, u ċioe' aktar minn sentejn wara l-aħħar operazzjoni li kienet għamlet ħass li kellu jiktibilha hekk:

"*I wish to thank you and your husband for your comments whilst explaining to me the unfortunate saga you have suffered in the hands of the Health Services, I deeply sympathise and empathize with your suffering of pain, discomfort, temperature rising and rigors.*

*I hope that from you we will learn a lesson which will help us to treat other patients better.*

*Please give us an indication of the factual expenditure you carried out when meeting specialists with your problem.*" (a' fol 15 emfażi tal-Qorti).

**22.** Jidher li l-Attriċi bħal donnha, fost raġunijiet oħra, tinsisti li din l-ittra hija ammissjoni ta' responsabbilita' da parti tal-konvenut Direttur (Ara sottomissjonijiet a' fol 419 para 38). Dwar din l-ittra Dr. J Zarb Adami xehed hekk:

"*Iddiskutejt is-sitwazzjoni mingħalija mac-Chief Executive Officer u ghamilt offerta bil-miktub. Tajjeb? Issa jiena offerta ghamilt. Nirrakomanda nista'. Minix fil-kaz ta' compensation nidhol jien imma these were, I thought, reasonable expenses … Mela dan kien jidher iddisprat ghal diversi ragunijiet* (b'referenza għal żewġ l-Attriċi). *Wahda li din kellha kwalita' tal-hajja hazina ghaliex kienet migugha ta' spiss u l-ferita ghadha tnixxi. Dawn ma kienux jidhru finanzjarjament komdi u jiena wara li qaluli kemm nefqu flus fuq it-tobba, hassejt li ghandu jkun hemm certa offerta. Din*

*iddiskutejtha qabel mas-CEO. Huma tawni indikazzjoni li, ma tawniex indikazzjoni cara jekk jaccettawx din jew le.*" (A' fol 536 u 539).

**23.** Kemm mill-kontenut tal-ittra inkwistjoni u anke mill-ispjegazzjoni li ta x-xhud, jidher ċar li l-offerta kienet biss limitata għall-ispejjes li kienet għamlet l-Attriċi. F'ebda ħin ma saret referenza għal danni propja. Iġifieri jekk qatt din l-ittra hija rilevanti għad-danni effettivi magħmula mill-Attriċi u ċioe' għad-*damnum emergens*.

**24.** Di piu' jidher manifestament ċar li dan it-tabib tassew kien qiegħed jiddispjaċih għal dak li għaddiet minnu l-Attriċi u mit-ton tagħha huwa evidenti li kienet ittra ta' empatija u mhux ta' xi ammissjoni univoka u ċara li ma tħalli ebda dubbju f'min irid jiġġudika li dik tassew kienet ammissjoni ta' responsabbilita'. Wara kollox l-istess Patient's Charter tagħmilha ċara li pazjent għandu d-dritt "*To be treated as an individual. One should expect the health care providers to demonstrate dignity, patience, empathy, tolerance and courtesy"* (a' fol 87 pg 15 tac-Charter taħt it-titolu Dignity and Respect).

**25.** Meta din il-Qorti kienet qed tagħmel ir-riċerka tagħha fuq il-materja ltaqgħet ma' dan il-passaġġ:

"*The patient safety discipline aims to prevent and reduce risks, errors and harm that occur to patients during healthcare; it is based on continuous improvement based on learning from errors and adverse events".* (**Patient Safety: Global Action on Patient Safety: Report by the Director-General." [(accessed on 10 August 2021)]. Available online:**

https://apps.who.int/iris/handle/10665/327526). Huwa propju għalhekk li din il-Qorti aktar 'l fuq għamlet emfażi għaliex dan it-Tabib qal dak li kien mistenni minnu fir-rigward ta' dak li għaddiet minnu l-Attriċi.

**26.** Għalhekk din l-ittra ser tkun biss ikkunsidrata fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet imsemmija.

**27.** F'waħda mill-eċċezzjonijiet tiegħu l-konvenut Direttur anke jgħid hekk:

"*Illi subordinatment u minghajr ebda pregudizzju ghall-premess fi kwalunkwe kaz kull intervent u kull kura li kellha bzonn ir-rikorrenti nghata minn nies imharrga fl-ispecjalita partikulari mehtiega*".

**28.** Jidher li l-konvenut Direttur qed iressaq l-eċċezzjoni tal-*culpa in eligendo* pero' mingħajr ma jgħidha espressament.

**29.** F'dan ir-rigward, din il-Qorti terġa' tagħmel referenza għal dak osservat Giovanna Visintini aktar 'l fuq. Ir-relazzjoni bejn il-partijiet hija waħda kuntrattwali u għandha għalhekk fil-konfront tal-konvenut legalment titqies bħala pakkett wieħed ta' servizzi, inkluż f'dan il-pakkett il-provvediment ta' servizz mediku mid-dipendenti tal-istess konvenut Direttur.

**30.** F'dan ir-rigward tagħmel referenza għas-sentenza tal-**Appell fl-ismijiet Emmanuel Sammut u martu Maryanne Sammut -vs- Chief 25 Stencil Pave (Malta) Limited vs Dr. Maria Deguara deċiża fit 12 ta' Ottubru, 2006** fejn il-Qorti qalet dan:

"*F'din il-kawza l-konvenuti gew imsejha biex iwiegbu preċizament ghan-nuqqasijiet tas-sistema mhaddma fl-isptar, mhux ghan-nuqqas ta' xi impjegat partikolari. Ghalhekk il-kwistjoni tal-culpa in eligendo ma tqumx".*

**31.** Jidher ukoll f'waqtu l-kumment tal-**Qorti Ċivili Prim Awla fis-Sentenza fl-ismijiet Michelina armla ta' Emmanuel Spiteri et -vs- Tabib Prinċipali tal-Gvern et tad-19 ta' Gunju 2003 fejn jingħad hekk**:

"*Barra minn hekk il-culpa in eligendo hija mehtiega fil-kaz ta' responsabbilita` ex delicto u mhux fil-kaz fejn kien hemm relazzjoni minn qabel bejn il-partijiet. Ghalkemm ir-relazzjoni bejn il-Gvern u pazjent fi sptar tal-gvern ma hix wahda kontrattwali, madankollu ma jistax jinghad illi ma kien hemm ebda relazzjoni bejniethom qabel l-incident, ghax il-pazjent, kemm bhala kontribwent fiskali u wkoll bhala kontribwent fis-sistema tas-Sigurta` Socjali kellu jedd illi jinghata kura fi sptar tal-gvern, u l-gvern kellu l-obbligu li jaghti dik il-kura. Ghalhekk l-eccezzjoni mibnija fuq nuqqas ta' culpa in eligendo hija michuda u l-Gvern ghandu jwiegeb ghad-danni li garrab il-pazjent."*

**32.** F'dan ir-rigward tagħmel tagħha dan it-tagħlim ħlief għal dik il-parti fejn fl-aħħar Sentenza intqal li ma hemmx relazzjoni kuntrattwali għaliex din il-Qorti hija tal-fehma soda kuntrarja kif diġa' spjegat aktar 'l fuq.

**33.** Għalhekk anke f'dan ir-rigward il-konvenut Direttur ma għandux raġun.

*<u>Il-mertu</u>*

**34.** Dwar il-mertu hemm ħafna xi tgħid. Li huwa żgur hu li fil-linja twila ta' kura li rċeviet l-Attriċi x'imkien kien hemm xi żball. Meta sar u minn min mhux faċli jingħad, imma dan sar dejjem fil-kuntest ta' pakkett ta' servizzi li jagħti l-konvenut Direttur. Mill-Patient's Charter wieħed minn tmien prinċipji li jelenka hemm dak numru 7 "*To expect that any care and treatment recieved is provided by properly qualified and experienced staff Health Care*". (Ara bejn 86 u 106 pg1 u ara pg 16 para 3). Iġifieri din il-provvista tajba taqa' fuq il-konvenut Direttur u l-pazjent ma għandux għalfejn jidħol fil-kompetenza o meno tad-dipendenti tal-konvenut Direttur kemm jekk tobba u kemm jekk ma humiex.

**35.** L-ewwel kwistjoni hija tal-garza li tħalliet f'żaqq l-attriċi. Huwa paċifiku li din issottomettiet ruħha għal żewġ operazzjonijiet. Dik tat-13 ta' Frar 2014 imsejħa bħal *"elective incisional hernia repair" u dan sabiex isirilha "abdominal wall exploration and mesh reinforcement".* Dik tat-22 ta' Marzu 2014 meta iddaħlet l-isptar għaliex ħadet il-mikrobu *methicillin-resistant staphyl coccus aureus* magħruf bhala MRSA. Propja propja hi kellha tkun operata qabel biex isirilha trattament għaliex irrisulta li l-Attriċi kellha *post operation supraumbilical subcutanous fluid collection*.

**36.** Hu paċifiku bħala fatti li kellhom jgħaddu sentejn mill-ewwel operazzjoni biex ħareġ li kellha din il-garza f'żaqqha u li din il-garza żgur ma daħlithiex l-Attriċi. Din il-Qorti ma għandha ebda ombra ta' dubbju li din żgur tħalliet minn xi ħadd mid-dipendenti tal-konvenut Direttur. Għal din il-Qorti ma huwiex preċiż meta u minn min setgħet tħalliet.

**37.** Jekk din tħalliet waqt operazzjoni huwa ta' importanza r-rapport li għamel it-Tabib Joetienne Abela:

"*Mr Abela explained that the retained dressing is of the type used for packing infected wounds on the advise of tissue viability nurse specialist. He explained that it is not x-ray detectable, not used in operating theaters and therefore, could not have possibly been introduced in the course of her previous operations*". (a' fol 47).

**38.** Il-Professur Laferla in eżami: "*Dawn ikunu raytec swabs, li jkunu abdominal swabs li jkollhom partikularment li huma l-unika forma ta' Swabs li nuzaw fit-Theaters ghax dawn ikollom ghidulha ray tec, qisha hajta ghaddejja minn go fihom illi din tkun radio opaque igifieri jekk din tintilef xi wahda tkun tista' texrejja* (recte "to xray") *il-pazjent u tkun tidher li ghandek dik is-swab".* Dan jispjega li fl-operazzjonijiet ma jintużawx cutimed swabs (a' fol 70).

**39.** Tajjeb li jingħad li minkejja n-numru ta' x-rays u MRIs li saru lill-Attriċi din is-swab ma ġietx tidher. Di fatti Profs Laferla jkompli jispjega, li kien hemm *follow up* u ittieħdu għadd ta' xrays u anke CT Scans u ma kienx jidher li kien hemm xi foreign body. Pero' ma seta' jidher xejn jekk ma kellhomx *a radio opaque* (a' fol 73).

**40.** Issa Dr. Joetienne Abela jkompli jispjega li "*Wound sinus ifisser li parti mill-ferita, il-gilda, il-laham ma jkunx ghalaq tajjeb. Generalment tkun infezzjoni rikorrenti*" (a' fol 588). "… *I opined and explained as it is my right as a specialist that I was reluctant to offer certain surgery as this was highly*

*likely to lead to more complications given her history of post operative chronic pain, infective mishaps with my predecessors*." (a' fol 590 emfażi tal-Qorti). Ikompli jamplifika li "*L-intenzjoni ta' Quitimed (*recte Cutimed*) swab hu li jintuza fi treatment ta' infezzjonijiet jigifieri postu huwa gol-ferita…. Din titpogga meta jkun hemm infezzjoni fil-ferita jigifieri generalment wara operazzjoni"* (a' fol 590 u 592). Iġifieri f'din l-ittra dan it-tabib jagħmilha ċara li ma jridx iġorr l-iżbalji (mishaps) ta' dawk li raw jew operaw lill-Attriċi.

**41.** Li huwa stramb iżda, li mill-count ta' x'ħareġ u daħal waqt l-operazzjoni tat-13 ta' Frar 2014 hemm innotat "*Final Counts Correct*" (a' fol 167 u tergo). Checklist tat-tieni operazzjoni datata 22 ta' Marzu 2014 (*Reasons for admission infected wound post hernia mesh report*). Jidher li ukoll kien hemm rikonċiljazzjoni ta' x'ħareġ u daħal u ġie innotat "*Final Counts Correct*" (a' fol 313 u tergo).

**42.** Tajjeb li jingħad li fil-Case Summary datat 8 ta' Marzu 2014 ġie osservat hekk: "*There is intraperitoneal fluid in the epigastric area to the supra ombelical zone with maximum deepness of 10-13cm. It is measured 15x10x13cm not capsulated and doesn't contain any significant debris".* (a' fol 239 u a' fol 253). B'danakollu kull meta kienet tilmenta minn uġiegħ, kienu dejjem jagħmlu dijagnosi u jippreskrivulha analgesic għall-uġiegħ u saħansitra irreferuha għall-pain clinic. Dan per eżempju kien il-każ fi-3 ta' Settembru 2015 iġifieri sena u nofs wara li kienet għamlet l-ewwel operazzjoni (ara a' fol 388).

**43.** Dr. Winston Bartolo jiftakar li kien każ partikulari dan għaliex "*Given li kien hemm multiple previous admissions minhabba l-istess problema*…" (a' fol 574). Dan jgħid ukoll li meta kien qiegħed innadfilha l-ferita' "*kien hemm ribbon gauze li hrigniha minn hekk*" dan kien fis-27 ta' Ġunju 2016 (a' fol 575 u 577 u ara *discharge letter* a' fol 585).

**44.** Kellu jkun dan it-tabib, aktar minn sentejn wara, li jintebaħ bil-*foreign body* u dan għaliex kien ġisem l-istess Attriċi li rripella din il-garza u mhux minħabba xi intervent jew kura li jagħti l-Konvenut. Pero' minkejja dan, ma jidhirx li hemm qbil bejn it-tobba kollha li missew ma' dan il-każ, u hawn il-Qorti qed tinkludi ukoll lit-tobba minnha maħturin, li din il-garza kienet il-kawża tal-uġiegħ u tribulazzjonijiet li għaddiet minnhom l-Attriċi.

**45.** Jidher li l-Attriċi kellha storja ta' uġiegħ li setgħet anke kienet anteċedenti anke għall-episodji mertu ta' din il-Kawża.

**46.** Di fatti Dr Carmel Abela, tal-pain clinic, jixhed li l-uġiegħ li trattalha kien inkonnessjoni maċ-ċikatriċi (*scar*) u għaliex kellha uġiegħ fil-ġoga ta' daharha. Dr. Alex Attard li għid li kellha ħafna arthritis (a' fol 621 u 634). Dan it-tabib kien qiegħed jaraha tlett snin wara l-operazzjoni u meta kienet tneħħiet il-garza. Ikompli jispjega li l-ferita "*Kienet qisha fieqet sew imma hi ghadha thoss, suġġettivament ghadha thoss l-ugiegh. Din tigri kif nghidilkom, jekk tfittex il-literature, qiesu hemm 10% ta' kull min naqsmuh b'sikkina, ten % jibqghu ibatu mill-ugiegh*" (a' fol 636). "…..*anke jekk ma jkunx hemm complications jista' jkun hemm chronic pain. Ovvjament jekk ikun complicated ir-riskju ta' chronic pain huwa akbar*" (a' fol 640).

**47.** Mr. Alex Attard ikompli jispjega li "*ghall-ewwel li rajtha assumejt illi dan is-sinus tract ifforma ghax wahda mir-ragunijiet li tista' tifforma, jekk foreign body jkun infettat*"(a' fol 621). Dan jgħid ukoll li ma kienx hemm link bejn is-sinus u l-allegata garza. "*Kieku l-garza kienet ghadha hemm u kien hemm it-tract u t-tract baqa' sejjer sal-garza, mela ovvjament kien hemm a direct link imma t-tract iffurmat wara li tnehhiet il-garza*." (a' fol 622). Meta operaha, kull ma kien hemm il-mesh ossia xibka pero' l-anqas din ma kienet il-kawża għaliex din ma kienitx infettata.

**48.** Dan il-każ ikompli jikkumplika ruħu meta l-espert tal-Qorti Dr. Anthony Galea Debono jikkonkludi li "*In this case, the infection of the MRSA and the retention of the swab are not acceptable complications of any surgical procedure. Furthermore, it was not prudent to discharge Mrs. Bajada when considerable amount of fluid was still being drained, 10 days after the surgery of 13th February 2014"* (a' fol 648). Għalhekk dan it-tabib jasal għall-konklużjoni li l-Attriċi għandha 50% diżabilta' (a' fol 649). Minn naħa l-oħra Dr. Malcolm Vella, perit addizjonali, jgħid li f'ċirkostanzi simili, "*li l-pazjenti jinbaghtu d-dar hija xi haga regolari, alla hares kulhadd jinzamm l-isptar sakemm ifieq mija fil-mija, kieku ghandna bzonn hafna aktar soddod. Hazin jekk jinbaghtu d-dar meta s-sitwazzjoni tkun ta' infections gravi hemm hekk hazin*" (a' fol 404 tergo). Pero' l-Qorti trid tosserva li n-nuqqas ta' soddod ma jiġġustifikax li dak li jkun jintbagħat kmieni d-dar meta ma jkunx fl-interess tal-pazjent.

**49.** Irid jingħad ukoll li t-tip ta' dressing (garza) li kienet instabet f'żaqq l-Attriċi hija tat-tip li tintuża mis-sezzjoni ta' nurses li huma mħarrġa apposta biex jieħdu ħsieb dawn it-tip ta' dressings. Dawn huma t-Tissue Viability Nurses (Ara a' fol 70). F'dan ir-rigward ġie ukoll spjegat li *"l-isptar hemm infectious diseases, hemm infection control ma ghandux x'jaqsam u hemm tissue viability. Tissue viability huwa dipartiment fejn isiru change of dressings. Generalment is-surgeons jirreferu ghal dan id-dipartiment li jismu Tissue Vialbility Unit, outpatient based, hafna drabi u ahna wkoll konna rreferejna hemm hekk u wahda min-noti li ghandna konna irreferejniha qabel ma rajtha jien fl-ahhar…."* (xhieda ta' Dr.Tonio Piscopo a' fol 569).

**50.** F'dan ir-rigward l-Attriċi tixhed hekk li għamlet għaxar testijiet mingħajr ebda wieħed mit-tobba ma jintebaħ x'għandha u l-uġiegħ beda jżid. Kienu jgħidulha li ma għandha xejn u li kienet qed timmaġina (a' fol 27). Iżda min kien inaddfilha l-ferita kien jgħidilha li ma kienx normali li l-ferita ma tridx tagħlaq. Tal-MMDNA qaltilha li jkun aħjar li tiġbed l-attenzjoni tat-tobba għax il-ferita kellha xi mikrobu li qed iżommha milli tfieq u tagħlaq kif suppost (a' fol 28). Fil-fatt meta fl-14 ta' Frar 2016 marret il-klinika ta' B'Kara qalulha li sabu mikrobu u rreferewha għall-emerġenza u xorta baqgħu jgħidulha li ma għandha xejn (a' fol 28). Iġifieri dawn in-nurses li kienu idewwuha intebħu li kien hemm xi ħaġa mhux flokha u kellhom raġun.

**51.** Il-Qorti ghalhekk hija rinfaċċjata b'sitwazzjoni fejn huwa diffiċli li jingħad f'liema stadju tħalliet dik il-garza f'żaqq l-Attriċi, u dan indipendentement mill-fatt, jekk din kienitx il-kawża primarja tad-danni li soffriet l-Attriċi.

**52.** Ma' dan kollu irriżulta l-fatt l-ieħor li l-Attriċi, veru bħal ħmar li jdur għalih id-dubbien, fl-istess ħin li kienet għadha qed issoffri mill-ferita' bit-tobba jipprovaw isibu x'kienet il-Kawża, ikkuntrattat l-infezjoni tal-MRSA fuq imsemmija. Minħabba f'hekk ittieħdet mill-ġdid l-isptar, li kif jixhed Dr. Carmel Abela "*Incisional hernia repair was complicated by MRSA infected hemm xi (recte She) presented on MDH thirty first (31) August with severe right upper quadrant pain radiating to the back*" (a' fol 639). F'dan l-istadju l-Qorti tfakkar, li kwantu għal din it-tip ta' garza Dr. Joetienne Abela ikkonkluda *li "it is not used in operating theatres and therefore, could not have been possibly been introduced in the course of her previous operation"* (a' fol 585).

**53.** Fix-xenarju li għandha quddiemha din il-Qorti, l-anqas hemm għalfejn tidħol fil-kwistjoni dwar jekk garza bħal din tħallietx waqt operazzjoni jew waqt id-*dressing* tal-ferita' għalkemm irid jingħad, li l-periti perizjuri bħal donnhom jinsinwaw li din tħalliet mit-Tissue Viability Unit meta jgħidu li "*Matul il-kura tal-ferita' miftuha fit-Tissue Viabilty Unit kienu jintuzaw garzi tal-Cutimed*" (ara a' fol 685 Dijanjozi Klinika).

**54.** Pero' jibqa' fatt li kien min kien id-dipendenti tal-konvenut Direttur li għamel l-iżball, dak li ġara huwa nuqqas grossolan u jrid iwieġeb għalih il-

konvenut u dan għar-raġunijiet spjegati aktar 'l fuq. Issa jekk dan kienx il-Kawża tad-danni li soffriet l-Attriċi ser narawh 'l quddiem.

**55.** Kwantu għall-kwistjoni l-oħra tal-MRSA, kif anke jirrikonoxxu uħud mit-tobba, dan veru kien sfortunat. Il-kontrattazzjoni ta' dan il-mikrobu flimkien mal-ferita, li ma setgħet tagħlqilha b'xejn, kompliet tikkomplika ħajjet l-Attriċi. Issa jingħad li "*The patient safety discipline aims to prevent and reduce risks, errors and harm that occur to patients during healthcare; it is based on continuous improvement based on learning from errors and adverse events .*

(**Patient Safety: Global Action on Patient Safety: Report by the Director-General. [(accessed on 10 August 2021)]. Available online:https://apps.who.int/iris/handle/10665/327526** Emfażi tal-Qorti)**.**

**56.** Di piu' l-kura tas-saħħa minn ente pubblika "*includes a set of activities that creates cultures, processes, procedures, behaviours, technologies and environments in healthcare that consistently and sustainably lower risks, reduce the occurrence of an adverse event, avoidable harm, make error less likely and reduce its impact when it does occur* (**Khon L., Corrigan J., Donaldson M. *To Err is Human: Building a Safer Health System.* National Academies Press (US) Washington, DC, USA: 2000**). Issa "*adverse effects can be preventable or non-preventable*" **(AGENAS Monitoraggio Dell'implementazione Delle Raccomandazioni per la Prevenzione Degli Eventi Sentinella. [(accessed on 10 August 2021)];**

**Available online: https://www.agenas.gov.it/aree-tematiche/qualita-e-sicurezza/rischio-clinico-e-sicurezza-del-paziente/monitoraggio-delle-raccomandazioni).**

**57.** Ġie ukoll stabbilit li "*Most errors are related to diagnosis, prescription and the use of medicines (***Medication Without Harm-Global Patient Safety Challenge on Medication Safety. [(accessed on 10 August 2021)]. Available online: file:///C:/Users/User/Downloads/WHO-HIS-SDS-2017.6-eng.pdf**). Dan l-aħħar bran l-anqas jista' ma jfakkrekx fil-każ li għandha quddiemha din il-Qorti.

**58.** Kwantu għall-kontrattazzjoni tal-MRSA l-Qorti tagħmel ukoll għall-garanziji li joffri artikolu 12(2) tal-Konvenzjoni Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali adottata mill-Assembleja Nazzjonali tal-Ġnus Maqgħuda fis-16 ta' Diċembru 1966, li fost oħrajn tirreferi għal obbligu ta' kull Stat li jassigura "*The prevention, treatment and control of epidemic, endemic, occupational and other diseases*," (Emfażi tal-Qorti).

**59.** Ma għandux ikun hemm ebda dubbju li l-infezzjoni tal-MRSA taqa' taħt waħda minn dawn il-kategoriji għaliex żgur tista' tkun deskritta bħala endemika (għaliex jidher li hija kundizzjoni li tfeġġ jekk mhux biss, ħafna drabi fl-isptarijiet) u epidemika (għaliex tiġri u tinfirex frekwentement) u fil-kors normali ta' meta tkun qed tingħata kura fl-isptar (*occupational*). Il-fatt li llum sar riskju kważi ordinarju u li nisimgħu bih ta' kuljum, ma jfissirx pero' li huwa riskju inevitabbli u li allura fraintez (*taken for granted*), l-aktar l-aktar

meta anke kif jirrisulta mill-atti din il-Kawża, hija kundizzjoni li pazjent idum ikarkar biha.

**60.** Jmiss għalhekk li jkun ikkunsidrat jekk b'konsegwenza ta' dan kollu l-Attriċi sofrietx danni permanenti. Aktar 'l fuq diġa' ġie rilevat il-perċentwal ta' dannu permanenti sofferti mill-Attriċi direttament kawżati minn dawn l-episodji. Dr. Anthony Galea Debono wasal għall-konklużjoni li l-Attriċi kienet qed isoffri minn 50% ta' diżabilita' permanenti. Minn naħa l-oħra il-periti addizjonali niżżlu dan il-perċentwal għal 10%. L-ewwel espert huwa kategoriku x'kienet il-Kawża u l-periti addizjonali ukoll jaslu għal dan iżda għal raġunijiet xi ftit differenti meta jikkonkludu li "… *id-dijanozi hija ta' chronic regional Syndrome, risultat tal-komplikazzjonijiet li kellha mill-operazzjonijiet f'zaqqa.*" (a' fol 685).

**61.** In eskussjoni Dr. Joanna Darmanin mitluba tgħid jekk taqbilx mal-konklużjoni ta' Dr. Anthony Galea Debono li *"…..the foreign body left inside the wound and the possibility that the cutaneous nerves were severed at the operation*" wieġbet li "*Din il-konkluzjoni tista' tispjega il-ghala zvilluppat il-chronic regional pain syndrome iva. Huma fatturi li jistghu jikkontribwixxu ghal din is-syndrome*" (a' fol 398). Tkompli tgħid li kien hemm il-kumplikazzjoni tal-garza u tal-infezzjoni (a' fol 398).

**62.** Ukoll in eskussjoni Dr. Malcolm Vella jispjega l-uġiegħ kroniku tal-Attriċi jwieġeb "… *bla dubju gej minhabba kumplikazzjonijiet li inqalghu wara l-operazzjoni tal-ftuq, li sfortunatament xi kultant jigri meta jkun hemm infection kronika bhal ma kellha hi ghaddiet minn hafna u din l-infection*

*kronika ma thallix l-healing process isir b'mod normali u jibqghu imbaghad dawn is-sintomi*". Ikompli jgħid li bħala kawża l-MRSA żgur, iżda żgur li mhux bil-cutimed biss għaliex is-sintomi kienu bdewlha qabel. (a' fol 404).

**63.** Issa huwa ritenut minn dawn il-Qrati li għandu jingħata piż debitu lill-fehma teknika ta' l-espert nominat mill-Qorti billi l-Qorti ma għandhiex leġġerment tinjora dik il-prova. (Ara **Sentenzi fl-ismijiet John Saliba -vs- Joseph Farrugia, Appell deċiż fit-28 ta' Jannar 2000 u Joseph Calleja nomine -vs- John Mifsud, Appell, deċiż fid-19 ta' Novembru 2001**).

**64.** Min-naħa l-oħra l-Qorti lanqas ma hi tenuta li taċċetta kontra l-konvinzjoni tagħha l-konklużjonijiet raġġunti mill-esperti minnha maħtura. Iżda meta l-materja tkun ta' natura tant teknika u kumplessa, bħal ma hi fil-fatt f'din il-Kawża, ir-riluttanza tal-Qorti li tiddipartixxi mill-konklużjonijiet tal-esperti tagħha. Issa kemm l-ewwel u kif ukoll ukoll dawk perizjuri huma esperti tal-Qorti u ser tabbraċċja l-konklużjonijiet tagħhom. Iżda fil-kuxjenza tagħha, tħoss li bejn il-perċentwal li ta l-ewwel espert u dak mogħti mill-periti addizzjonali, fiċ-ċirkostanzi dan għandu jkun immeljorat u għalhekk tikkonkludi li perċentwal ta' 20% fil-mija għandu jkun ekwu u ġust.

**65.** Għal din id-diżabilita' permanenti tal-Attriċi għandu jwieġeb il-konvenut Direttur u dan għar-raġunijiet spjegati aktar 'l fuq.

<u>*Id-danni*</u>

**66.** Id-danni klassikament dejjem jitqiesu żewġ kwalitajiet: dawk li huma danni effettivi (damnun emergens) u dawk li jikkonsistu f'telf fil-futur (lucrum

cessans). Dan joħroġ anke minn dak li jiddisponi artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili li jgħid hekk:

"*Il-ħsara li l-persuna għandha twieġeb għaliha, skont id-dispożizzjonijiet ta' qabel, hija t-telf effettiv li l-għemil tagħha jkun ġieb direttament lill-parti li tbati l-ħsara, l-ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara, it-telf tal-paga jew qligħ ieħor attwali, u t-telf ta' qligħ li tbati 'l quddiem minħabba inkapaċità għal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-għemil seta' jġib*."

**67.** Pero' din il-Qorti tagħti ukoll importanza lill-prinċipju tar-*restitution ad integrum*, fis-sens li l-vittma għandha kemm jista' jkun titqiegħed fil-posizzjoni li kienet qabel ma seħħ l-inċident. Il-Qorti hija konxja li dan il-prinċipju għandu aktar minn natura ta' dak li hu desiderabbli milli rejali, għaliex huwa prattikament impossibbli li wara inċident li jħalli debilita' permanenti, l-persuna terġa' titqiegħed fl-istat psiko-fiżiku li kienet fih qabel seħħ l-inċident.

**68.** Din il-Qorti ssejjaħ dan l-element bħal integrita' tal-persuna. L-għotja ta' flus, kbira kemm tkun kbira, qatt ma tista' tirrintegra lill-vittma għall-*istatus quo ante*. Mhux ħtija tiegħu li ma jibqax jipposjedi il-kapaċitajiet li kellu qabel l-inċident. Għalhekk dan l-aspett għandu wkoll jittieħed inkonsiderazzjoni.

**69.** F'dan ir-rigward Munkmen isemmi l-każ ta' Heil -vs- Rankin fejn intqal hekk: "*The Court's approach involves trying to find the global sum which most accurately in monetary terms reflects or can be regarded as*

*reflecting a fair, reasonable and just figure for the injuries which have been inflicted and the consequences they will have…"* (Ara **Munkman on Damages for Personal Injuries and Death 12th ed, Lexis Nexis, pg 3**).

**70.** Għalhekk, din il-Qorti, apparti li ser tkun qed tillikwida somma fuq il-linji li evolvew b'Sentenzi ta' dawn il-Qrati fuq gwida tal-prinċipji ennunċjati f'Butler-vs-Hurd, ser tkun qed tagħti somma oħra, li tagħmel tajjeb għat-telf tal-integrita' psiko-fiżika u soċjali tal-persuna, integrita' li tikkomprendi t-taqlib li jkun ġab miegħu l-inċident f'ħajjet id-danneġġjat.

*Damnum Emergens*

**71.** Dan huwa aspett li jirrigwarda t-telf attwali li jkun għamel id-danneġġjat. Provi bħal provi l-Attriċi ma ressqitx f'dan ir-rigward, iżda kif diġa' rilevat il-konvenut kien dispost li tal-inqas iħallas għall-ispejjes li għamlet fi żjarat lil diversi konsulenti u tobba (Ara ittra ta' Dr. J. Zarb Adami supra). Di piu' dawn il-Qrati dejjem irritenew, li ma jistax ikun ddubitat li l-ġudikant għandu l-poter diskrezzjonali li jillikwida t-telf u l-qliegħ bl-adoperu tal-kriterju sussidjarju tal-valutazzjoni ekwittativa. F'deċiżjoni li tinsab **f'Vol. XXXV P. III p.615 tal-Kollezzjonijiet tad-Deċiżjonijiet ta' dawn il-Qrati**, ġie segwit l-insenjament tal-Qorti Taljana ta' Cassazzioni li "*vi hanno casi in cui, non potendosi avere mezzi istruttori, e' rimesso al Magistrato il valutare 'ex aequo et bono' second i dettami della sua ragione e coscienza, l'ammontare del danno al risarcimento del quale taluno fu condannato*". F'dan ir-rigward l-Awtur John Munkman josserva li "*A claimant is entitled to recover any medical and nursing expenses, and any other costs of care*

*that have been reasonably been incurred or will reasonably be incurred as a result of the injuries arising from tort"* (**Munkman On damages and For personal Injuries and Death, 12th Ed, Lexis Nexis, pg 112, para 12.6**).

**72.** Għalhekk tenut kont taċ-ċirkostanzi partikulari li għandha quddiemha din il-Qorti, din il-Qorti ser tkun qed tillikwida bħala danni rappresentanti telf effettiv l-ammont ta' elf u ħames mitt ewro (€1,500).

<u>*Lucrum cessans*</u>

**73.** L-Attriċi kienet mara tad-dar. Ġie rikonuxxut li għalkemm l-Attriċi ma kellhiex impieg formali, x-xogħol tagħha bħala mara tad-dar xorta għandu jkun valorizzat. Dan ġie rikonoxxut mill-Qarti tagħna (ara **Sentenza tat-30 ta' Novembru, 2001 fl-ismijiet Emmanuel Schembri u martu Filomena Schembri -vs- David Tant**i u kif ukoll **Muscat -vs- Buhagiar, Prim'Awla tal-15 ta' Lulju 1983** ).

**74.** Il-Qrati tagħna irridaġew il-prinċipju li mara tad-dar għandha dritt għall-kumpens u x-xogħol tad-dar għandu valur ekonomiku. Dan m'għandux jitqies li jiswa anqas mill-paga minima nazzjonali (Ara **PA GCD Ebejer vs Spiteri 16/12/97; Borg vs Zammit PA NA 22/3/99; Zammit vs Bezzina App 19/9/73; Apap vs Degiorgio App 16/1/84; u Grech vs Briffa PA 21/2/97**). Għalhekk għall-finijiet tal-likwidazzjoni tal-lucrum cessans il-Qorti sejra tieħu bħala qliegħ ta' l-attriċi dik is-somma li llum tirrapresenta l-paga minima. Din, miżjuda b'10% biex tagħmel tajjeb għaż-żidiet li jingħataw 'il quddiem. Meta ġara l-inċident l-attriċi kellha 65 sena u stante li bħala mara tad-dar ix-xogħol tagħha ma jieqafx mal 61 sena.

**75.** Il-prinċipji prinċipali li jirregolaw telf fil-futur huma s-segwenti tal-mod kif għandu jkun likwidat it-telf fil-futur.

**76.** L-ewwel u qabel kollox il-fehmiet tal-perit mediku maħtur mill-Qorti għandhom iservu bħala mira għall-finijiet ta' likwidazzjoni ta' danni. Din il-mira hija fis-sens li l-perċentwali ta' debilita' hija meqjusa b'mod globali, fuq kif u kemm l-Attriċi sejra tkun affettwata 'il quddiem fl-attivitajiet tiegħu u f'saħħtu. Kemm hu hekk, huwa stabbilit mill-Qrati tagħna li għal dak li jirrigwarda l-perċentwali ta' diżabilita', dak li jrid jiġi stabbilit m'huwiex il-grad ta' inkapaċita' f'sens purament mediku, iżda l-effett li l-ħsara personali għandha fuq il-qligħ tal-persuna midruba. Issa f'dan ir-rigward din il-Qorti diġa' irrilevat li sa fejn jirrigwarda il-perċentwal dan ser ikun ta' 20%.

**77.** Di piu' sabiex din il-Qorti tkun tista' tasal biex tillikwida somma ta' danni xierqa u mistħoqqa bħala kumpens, huwa ta' siwi ewlieni u għal kollox desiderabbli li, safejn possibbli, tkun taf il-ħsara mġarrba mill-vittma kemm sejra tolqot lill-istess vittma fl-assjem tal-attivita' tagħha kollha u mhux biss fl-użu ta' dik il-parti tal-ġisem li tkun indarbet.

**78.** B'dan il-mod, il-Qorti temmen fis-sħiħ li tkun qegħda tevita li tasal għal-likwidazzjonijiet li jew ikunu sproporzjonati mal-ħsara sħiħa li l-vittma tkun ġarrbet tassew, jew iwasslu għall-possibilita' li l-vittma "takkumula" perċentwali ta' debilita' li donnhom "jippremjawha" kumulativament b'mod sempliċiment matematiku talli tkun korriet f'aktar minn organu wieħed. Dan jidher li japplika iżjed f'dawk li huma każijiet imsejħin bħala "partial wreck

cases", fejn il-midrub ma jitlifx għal kollox il-ħila u s-setgħa li jibqa' jaħdem u jagħmel ħafna mill-attivitajiet li kien iwettaq qabel l-inċident.

**79.** F'dan ir-rigward din il-Qorti temmen li trid tiddistingwi bejn żewġ sitwazzjonijiet. Is-sitwazzjoni fejn minkejja l-perċentwal ta' diżabilita` permanenti dan ma jipprekludiex lil dak li jkun jissokta fil-ħajja lavorattiva tiegħu u dik is-sitwazzjoni l-oħra fejn apparti l-perċentwalita' ta' diżabilita' l-persuna ser tkun għal bqija tal-ħajja lavorattiva tagħha inkapaċi li twettaq kull xorta ta' xogħol.

**80.** Il-Qorti aktar 'l fuq diġa' għamlet aċċenn għall-prinċipju riparattiv tal-integrita' psiko-fiżika tal-vittma. Iżda jrid jingħad ukoll, li dan il-prinċipju huwa ħafna aktar aċċentwat meta d-danneġġjat għall-bqija ta' ħajtu jispiċċa mingħajr il-possibilita' li jkollu kull xorta ta' impieg jew bħal Attriċi ma tistax tkompli tagħmel ix-xogħol tad-dar bħal qabel. Għalhekk qabel ma l-Qorti tgħaddi biex tillikwida s-somma ta' danni li għandha tingħata lill-Attur bħala kumpens, huwa meħtieġ li jiġi mistħarreġ il-kejl li sejjer jittieħed dwar il-ġejjieni li fuqu t-talba attriċi sejra tinbena.

**81.** Il-kwestjoni tal-multiplier li normalment jintuża bħala mezz biex it-telf ta' qligħ li jingħata l-Attur jiġi kalkolat hija waħda li dwarha l-Qrati tagħna f'dawn l-aħħar żminijiet flew sewwa. Xi kittieba awtorevoli f'dan il-qasam ifissru l-multiplier bħala *"a figure somewhat less than the number of years for which the loss is likely to continue - that is, in a personal injury action, until the plaintiff's injuries cease to affect earnings or the plaintiff dies or retires. This figure is then reduced partly because of the 'contingencies'*

*(i.e. that the plaintiff might not have lived or worked so long or might have lost earnings even if the accident had not occurred), and partly because the plaintiff is going to receive not an income but a capital sum which can be invested to produce an income. The multiplier is not the product of precise calculation, but of estimation in the light of the facts of the particular case and of other comparable cases"* (**Peter Cane, Atiyah's Accidents, Compensation and the Law (6th Edit, 1999), paġ. 128**).

**82.** Huwa wkoll stabbilit li l-multiplier għandu jibda jitqies minn dak inhar li seħħ l-inċident li fih il-vittma tkun ġarrbet il-ġrieħi u mhux minn dak inhar li l-Qorti tasal għal-likwidazzjoni. Minbarra dan, il-bixra ta' ħsieb wara Sentenzi ta' dawn l-aħħar snin f'dan il-qasam qiegħda xxaqleb lejn it-tneħħija ta' skemi riġidi li jistgħu jfixklu l-għoti ta' kumpens mistħoqq u xieraq għaċ-ċirkostanzi.

**83.** Illum huwa stabbilit li l-multiplier ikun jaqbel sewwa mal-eta' tal-vittma u mhux ma' kriterji arbitrarji. Iżda fis-**Sentenza fl-ismijiet John u Laura konjuġi Ransley vs Edward u Lydia konjuġi Restall tal-25 ta' Jannar 2012** il-Qorti kellha dan xi tgħid:

"*Hawnhekk għandna fattur pjuttost diskrezzjonali. Il-metodu ta' likwidazzjoni tad-danni kien għal żmien twil ibbażat fuq il-prinċipji enunċjati fil-kawża Butler vs Heard deċiża mill-Qorti tal-Appell Ċivili Superjuri fit-22 ta' Diċembru, 1967. F'dik il-kawża intqal li fid-determinazzjoni tal-multiplier, wieħed irid jieħu in kunsiderazzjoni c-'chances and changes of life', b'mod li dan il-multiplier ma jwassalx lid-danneġġjat li jieħu kumpens daqs li kieku*

*baqa' jaħdem sad-data li jirtira, iżda l-figura tiġi mnaqqsa biex b'hekk ikun ittieħed in kunsiderazzjoni l-fatt li l-persuna ddanneġġjata setgħet, fil-kors normali tal-ħajja tagħha, ma waslitx qawwija u sħiħa sa l-eta' tal-pensjoni”*.

**84.** Iżda l-figura użata għall-iskop tal-multiplier mhux dejjem ingħatat l-istess tifsira, u lanqas ma dejjem ġew użati l-istess prinċipji. Dan kien wassal biex il-**Qorti tal-Kummerċ fil-kawża Lambert vs Buttigieg deċiża fit-18 ta' April, 1963** qalet hekk:

“*F'din il-materja ta' lucrum cessans il-Qorti għandha tipproċedi b'kawtela kbira peress li l-qliegħ hu ħaġa ta' possibilta' u mhux ta' ċertezza u jkun jista' jonqos minn mument għall-ieħor anke għal kwalunkwe kawża materjali bħal mewt jew mard tad-danneġġjat*.".

**85.** Issa din il-Qorti issib li l-aħjar kejl huwa dak tal-eta' tad-danneġġjat fil-mument tal-inċident sakemm jilħaq l-eta' tal-pensjoni soġġett dan il-kejl għall-istat ta' saħħa tad-danneġġjat qabel l-inċident li weġġa' fih. Minn eżami tal-provi ma jirrisultax li l-Attriċi sfortunament qabel l-inċident kienet diġa' issofri minn numru ta' kundizzjonijiet pero' ma hemmx x'jindika li għandha xi kundizzjoni minaċċjuża. L-Attriċi twieldet fit-23 ta' Jannar 1961 (a' fol 122) u meta kellha l-ewwel problemi fl-2014 għalhekk kellha 53 sena. L-eta' pensjonabbli hija dik ta' 61 sena għan-nisa, li jfisser il-mutiplier għandu jkun ta' 8 snin. Iżda kif diġa' intqal il-ħajja tax-xogħol ta' mara tad-dar ma tieqafx mal-eta' pesnjonabbli iżda sakemm ma tkunx tiflaħ aktar. Għalhekk f'dan il-każ partikulari ser tikkonsidra li multiplier għandu jkun ta' 12-il sena.

**86.** Il-Qorti kkunsidrat ukoll jekk għandux jiġi applikat it-tnaqqis tal-lump sum payment. Skont il-ġurisprudenza stabbilita, il-lump sum payment huwa dak ta' 20%. Dawn il-Qrati għallmu li dan għandu jitnaqqas f'dan il-perċentwal meta jkun għadda żmien qasir mill-event dannuż u s-**Sentenza finali (ara Sentenza fl-ismijiet Scicluna -vs- Meilaq PA 16 ta' Lulju, 2001**). Fis-**Sentenza tal-Prim Awla Caruana -vs- Camilleri PA tal-5 ta' Ottubru, 1993 il-Qorti** ħasset li minn dan għandu jonqos xi 2% għal kull sena ta' dewmien. Ġie wkoll propost li m'għandux awtomatikament jitnaqqas skont kemm iddum il-kawża: "*jekk id-danneġġant ma jkollux ħtija fid-dewmien tal-kawża, m'għandux ikun hemm tnaqqis fil-lump sum deduction*" – (ara **Sentenza fl-ismijiet Agius -vs- Fenech 29 ta' Ottubru, 2003**). Minn eżami tas-sentenzi fuq dan il-punt jirrisulta li l-kriterju huwa kjarament marbut mal-perjodu ta' kemm damet il-kawża u mhux minn meta jkun seħħ l-inċident għaliex dawn iż-żewġ perjodi rari jkunu fl-istess sena. Meta din il-Qorti qieset iċ-ċirkostanzi kollha ta' din il-kawża jidhrilha li l-perċentwali ta' 16% bħala lump sum payment ikun ġust.

**87.** Għalhekk apparti s-soltu kalkoli li jsiru abbażi ta' Butler -vs- Hurd, il-Qorti ma tistax ma tqisx l-aspetti psiko-fiżiċi ta' xi ħadd li għall-bqija ta' ħajtu. L-espert tal-Qorti jgħid li l-Attur qallu li qabel l-inċident kien jiġri u li issa ma jħossux li jista' jiġri (ara a fol' 604). Skont it-tifla tal-Attriċi, ommha ma tistax tiġi lura għall-ħajja li kienet tgħix qabel. Tiddependi ħafna minn żewġha, minn bintha u l-ġirien għal xiri, tindif, ħasil u qadi ( a' fol 61). Il-Qorti tasal

biex tifhem dan kollu għaliex anke t-tobba li xehdu urew ċertu empatija magħha għal dak li għaddiet minnu u għad trid tgħaddi.

**88.** Dan ifisser li għalkemm skont il-formula stabbilita f'Butler -vs- Hurd id-danni kif inhuma ristretti għall-formula matematika li għadna nimxu fuqha sal-lum pero' abbażi tal-prinċipju tar-*restitutio ad integrum*, din il-formula waħedha ma tagħmilx ġustizzja għat-telf ta' ħiliet u pjaċiri tal-ħajja li ser jiġi imċaħħad minnhom id-danneġġjat, fil-każ odjern il-pjaċir tal-ġiri. Għalhekk f'dan ir-rigward, din il-Qorti ser tkun qed tillikwida *arbitrio boni viri* l-ammont ta' elfejn u ħames mitt ewro (€2500).

**89.** Fil-każ ta' telf futur, dawn il-Qrati jistrieħu fuq l-aktar fattur ċert: is-salarju prinċipali u kull qliegħ ieħor tad-danneġġjat fil-waqt tal-inċident dannuż u liema qliegħ ikun raġjonevolment wieħed stabbli u fit-tul. Iżda l-każ li għandha quddiemha huwa ta' mara tad-dar u kif diġa' aċċennat fuq stregwa ta' Sentenzi fuq ċitati din il-Qorti ser tieħu bħal kejl il-paga minima attwali li hija ta' €213 fil-ġimgħa.

**90.** Di piu' il-Qorti hija tal-fehma, li ġaladarba si tratta ta' telf futur, ikun ġust ukoll li jiġi kkunsidrat li dak li ser ikun likwidat, fil-ġejjieni dak li ser jingħata issa, ser jitlef il-valur magħruf bħala "purchasing power" dovut dan għall-inflazzjoni tal-prezzijiet. Kif jingħad "*The indication that standard awards would be adjusted for inflation can have a major practical effect. Such adjustment require the use of the Retail Price Index imperfect instrument it may be, it is the best we have*". (Ara **Munken on Damages for Personal Injuries and Death; 12th Ed. Lexis Nexis pg 73**). Issa r-

rata ta' inflazzjoni għas-sena 2014 kienet ta' ċirca 6% skont il-Bank Ċentrali ta' Malta. Għalhekk l-ammont finali ta' danni ser ikun miżjud b'dan il-perċentwali.

*Likwidazzjoni tad-danni*

**91.** €213 (paga minima fil-ġimgħa) x 52 x 12 = €132,912 (kalkolu fuq tnax-il sena) – 16% (lump sum payment) = €111,646 // 20% (Perċentwal ta' diżabilita') = €22,329 + €2500 (integrita' fiżika) = €24,829 + €1489 (6% inflazzjoni) = €26,318.

**92.** Għalhekk il-lucrum cessans jammonta għal sitta u għoxrin elf tlett mija u tmintax il-ewro (€26,318). Ma dan irid jiżdied l-ammont l-ieħor ta' elf u ħames mitt ewro (€1,500) bħala damnum emergens. Dan ifisser li s-somma finali tad-danni kollha jammontaw għal sebgħa u għoxrin elf, tmien mija u tmintax-il ewro (€27,818).

**Decide**

Għaldaqstant din il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi din il-kawża bil-mod segwenti:

**Tilqa' l-ewwel talba**.

**Tilqa' it-tieni talba.**

**Tilqa' it-tielet talba** u tillikwida d-danni sofferti mill-Attriċi fl-ammont ta' sebgħa u għoxrin elf, tmien mija u tmintax-il ewro (€27,818).

**Tilqa' ir-raba' talba** u tikkundanna lill-konvenut Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tas-Servizzi tas-Saħħa iħallas l-ammont hekk likwidat lill-Attriċi bl-imgħaxijiet legali mill-presenti Sentenza sal-pagament effettiv.

Spejjes tal-Kawża għall-konvenut.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**